



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2013/0237(NLE)

17.12.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (COM(2013)0503 – C7-0254/2013 – 2013/0237(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Antonio Cancian

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Proposta tal-Kummissjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tirrevedi u testendi t-tul ta' żmien tal-Impriża Konġunta SESAR peress li skont ir-Regolament ta' twaqfif attwali din tiegħa tiffunzjona fil-31 ta' Diċembru 2016. Il-bidliet ewlenin fil-proposta tal-Kummissjoni jitrattaw l-allokkazzjoni ta' ammont ta' aktar minn EUR 600 miljun, li jinkludi l-kontribuzzjonijiet min-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein, għall-perjodu ta' referenza bażi 2014-2020 skont l-Orizzont 2020 u l-estensjoni tat-tul ta' żmien tal-SJU sa tmien l-2024.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Fil-kuntest tal-iżviluppi reċenti li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-pilastru tal-prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, inkluż il-progress kajman u mhux sodisfaċenti fl-istabbiliment ta' prestazzjoni li tiffunzjona tajjeb u ta' skemi tal-ipprezzar jew ta' blokki ta' spazju tal-ajru funzjonali li għad iridu jagħtu r-riżultati mixtieqa, ir-rapporteur iqis il-pilastru teknoloġiku bħala l-element ewlieni fl-istruttura ta' implimentazzjoni tal-kunċett globali tal-Ajru Uniku Ewropew. Hu għalhekk li l-kontinwità tal-istruttura hi ta' importanza ewlenija kemm f'termini ta' finanzjament u ta' riżorsi umani.

Ir-rapporteur iqis li s-SESAR JU ħadem tajjeb s'issa, u kiseb ir-riżultati mixtieqa u għaldaqstant jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għall-estensjoni tiegħu mingħajr bidliet. Skont il-Kummissjoni, l-evawlazzjoni tal-SJU tul il-perjodu 2007-2012 uriet li l-mekkaniżmu ta' finanzjament tiegħu, abbażi ta' sħubija pubblika-privata (PPP) hu aktar effikaċi u effiċjenti fil-forma attwali tiegħu milli kieku kien jiddependi bis-sħiħ fuq sejħiet għall-proposti neċessarji skont il-qafas tas-seba' programm għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7). Ir-rapporteur kemm-il darba esprima l-appoġġ tiegħu għat-tip ta' finanzjament PPP għal tipi ta' proġetti differenti u jinsab sodisfatt bil-mod kif jaħdem għas-SESAR.

B'żieda ma' dan, ir-rapporti dwar il-kontijiet annwali ppreżentati mill-Qorti tal-Awdituri f'dan l-aħħar snin ma ħolqu l-ebda tħassib dwar il-ġestjoni finanzjarja soda tal-SJU. Hawnhekk ukoll, fil-fehma tar-rapporteur, ma hemmx b'żonn ta' bidliet fil-proposta.

Raġuni oħra għalfejn għandu jingħata appoġġ għall-proposta fil-forma attwali tagħha hu l-fatt li s-SESAR waslet biex tidħol fil-fażi ta' tlestija tagħha u r-rapporteur jemmen li hu kruċjali li jkun evitati distakki ta' żmien sostanzjali fil-qafas leġiżlattiv jew kwalunkwe tibdil sinifikanti ieħor għall-istruttura tal-Impriża li jista' jipperikola l-fażi ta' tlestija mħejjija b'mod metikoluż milli titwal jew titħarbat.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-ewwel fażi tal-proċess ta' definizzjoni kienet operattiva bejn l-2004 u 2008 u tat l-ewwel edizzjoni tal-Pjan Regolatorju *Ewropew għall-ATM* (il-"Pjan Regolatorju tal-ATM"). Il-Pjan Regolatorju tal-ATM jidentifika tliet stadji fil-proċess tal-iżvilupp tas-SESAR: Operazzjonijiet Ibbażati fuq iż-Żmien (Stadju 1), Operazzjonijiet Ibbażati fuq il-Perkors (Stadju 2) u Operazzjonijiet Ibbażati fuq il-Prestazzjoni (Stadju 3).

Emenda

(3) L-ewwel fażi tal-proċess ta' definizzjoni kienet operattiva bejn l-2004 u 2008 u tat l-ewwel edizzjoni tal-pjan regolatorju *għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru* (il-"Pjan Regolatorju tal-ATM"). Il-Pjan Regolatorju tal-ATM jidentifika tliet stadji fil-proċess tal-iżvilupp tas-SESAR: Operazzjonijiet Ibbażati fuq iż-Żmien (Stadju 1), Operazzjonijiet Ibbażati fuq il-Perkors (Stadju 2) u Operazzjonijiet Ibbażati fuq il-Prestazzjoni (Stadju 3).

Ġustifikazzjoni

Preċiżjoni editorjali.

Emenda 2

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a Regolament (KE) Nru 219/2007 Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni li tkopri l-ispejjeż taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020 għandha tkun ta' EUR 600 miljun¹⁰, inkluż il-kontribuzzjonijiet tal-EFTA, imħallsa mill-appropriazzjonijiet tal-baġit allokat għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-

Emenda

Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni li tkopri l-ispejjeż taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020 għandha tkun ta' EUR 600 miljun¹⁰, inkluż il-kontribuzzjonijiet tal-EFTA, imħallsa mill-appropriazzjonijiet tal-baġit allokat għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-

Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).”;

Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

¹⁰ Ammont indikattiv fi prezzijiet attwali. L-ammont finali se jiddependi fuq l-ammont miftiehem għal DĠ MOVE għat-tema “trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat” li se jiġi approvat mill-awtorità baġitarja fil-verżjoni finali u d-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

¹⁰ Ammont indikattiv fi prezzijiet attwali. L-ammont finali se jiddependi fuq l-ammont miftiehem **għad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport** (DĠ MOVE) għat-tema “trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat” li se jiġi approvat mill-awtorità baġitarja fil-verżjoni finali u d-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Ġustifikazzjoni

Preċiżjoni editorjali.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Għandu jkun disponibbli f'forma kkonsolidata mar-Regolament li jimmodifika fit-tliet xhur ta' wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 Regolament (KE) Nru 219/2007 Anness – Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha xierqa li jiżguraw li, meta xi azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu jitħarsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-

Emenda

L-impriża konġunta għandha tiegħu l-miżuri kollha xierqa li jiżguraw li, meta xi azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ***u tal-Istati Membri tagħha*** jiġu jitħarsu permezz tal-applikazzjoni

frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u ta' deterrent.

ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u ta' deterrent.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 219/2007

Anness – Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni, id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal huma meħtieġa jippreżentaw lill-OLAF mingħajr dewmien kwalunkwe każ possibbli ta' frodi u li jafu bihom abbażi tal-eżerċizzju tal-funzjoni jew il-mandat tagħhom mingħajr ma tkun involuta r-responsabbiltà tagħhom kawża ta' dan l-iżvelar.

Ġustifikazzjoni

Dan iservi biex wieħed isir jaf kwalunkwe każ possibbli ta' frodi u biex tiġi ffaċilitata l-possibbiltà tal-ftuħ ta' investigazzjonijiet.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.12.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Erik Bánki, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Mike Natrass, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Silvia-Adriana Țicău, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Jacob Bicep, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Alfreds Rubiks, Sabine Wils, Karim Zérubi
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Strejček